



**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-17 ta' Lulju 2025 –
DK vs Minister van Asiel en Migratie**

(Kawża C-469/25, Henssen) ⁽¹⁾

(C/2025/5930)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: DK

Konvenut: Minister van Asiel en Migratie

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ⁽²⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi dikjarazzjoni eżawrjenti tas-sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jissenjala barrani fis-SIS għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni u ta' projbizzjoni ta' residenza skont l-Artikolu 24(1)(a) tal-imsemmi regolament?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1861 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi senjalazzjoni ta' barrani fis-SIS minn Stat Membru għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni u ta' projbizzjoni ta' residenza minħabba li dan l-Istat Membru kkonkluda li l-barrani kkonċernat jirrappreżenta theddida potenzjali għall-ordni pubbliku?
- 3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, liema huma l-aspetti rilevanti għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "theddida għall-politika pubblika" fis-sens tal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1861, fid-dawl tal-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' li għandha l-awtorità li tadotta d-deċiżjoni? Għall-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett, tista' tiġi rrikonoxxuta rilevanza, pereżempju, għall-kwistjoni dwar jekk jeżistix jew le suspett ta' reat kriminali u jekk humiex involuti drittijiet fundamentali, bħall-libertà ta' espressjoni, fil-kuntest soċjali tal-aġir u l-proporzjonalità ta' senjalazzjoni fis-SIS inkwistjoni?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU 2018, L 312, p. 14.